KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Nru. 32.2016**

Data: Erbgħa 26 ta' Ottubru 2016

Ħin: 19.30 p.m.

Post: Bini Amministrattiv tal-Kunsill

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Edwin Vassallo** | **Sindku** |
| **Is-Sur Ivan Bartolo** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Alexander Muscat** | **Kunsillier** |
| **Is- Sur James Cassar** | **Kunsillier** |
| **Dott Angele Rapa** | **Kunsillier** |
| **Dott. Karl John Tanti** | **Kunsillier** |
| **Is-Sa Maria Pia Bonnici** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mark Micallef Costa** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Michael Mifsud** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |
| **Is-Sinjura Lorraine Templeman** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Skużati**

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Keith Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mario Sammut** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Joseph Gatt** | **Kunsillier** |

**Assenti**

| | |
|---|---|
| **Dott. Rachel Tua** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Gianluca Busuttil** | **Kunsillier** |

**Aġenda:**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 30 u 31
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku
4. Korrispondenza;
5. Ordnijiet tal-ġurnata

5.1 Ċirkulari16/2016- Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

5.2 Quarterly Report July –September 2016
5.3 Annual Budget
5.4 Tender Ġbir tal-Iskart

6. Approvazzjoni

- Skeda ta pagamenti
- Purchase Orders
- Works Orders
- Petty Cash

7. Aġġornament.

Il-laqgħa bdiet 8.07 ta' filgħaxija.

**1. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 30**

Il-minuti tat-tletin (30) Laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 28 ta' Settembru 2016 ġew approvati b'mod ~~unanimament~~. UNANIMU

**Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 31**

Il-minuti tal-wieħed u tletin (31) Laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2016 ġew approvati b'mod unanimament.

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

- **5.2 Quarterly Report –July-September 2016**

L-accountant tal-Kunsill Is-Sur Daniel Galea spjega fid-dettal ir-rapport tat-tielet kwart bejn April u Ġunju 2016.

Il-membri qablu unanimament mar-rapport ippreżentat.

- **5.3-Annual Budget /Business Plan**

L-accountant tal-Kunsill Is-Sur Daniel Galea spjega fid-dettal ir-rapport tal-business plan u annual budget.

Il-membri qablu unanimament mar-rapporti ppreżentati.

**2. Punti Mqajjma mill-Minuti**

**2.1 Minuta 2.1 PAMA**

Sindku nforma lil membri l-ftehim ser jintbagħat lil membri tal-Kunsill għall-kummenti tagħhom sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2016. Il-Kunsilliera għandhom jagħtu l-kummenti tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2016.

Kopja tal-ftehim ġiet mgħoddija lil membri preżenti u kopja għandha tintbagħat b'email lil kulħadd {Anness 1}.

Nutara Dr Angele Rapa qed tirrinunzja l-ispejjes għas-servizzi tagħha.
Is-Sindku nforma li għandhom jiżdiedu l-punti tal-klawsola bil-punti relatati mas-spejjes tal-perit u spejjes oħra.

**2.2 Minuta 2.3 – Triq Baskal Buhagiar**

Is-Sindku nforma li kif il-perit jibgħat il-proposta l-ġdida is-Sindku jagħmel laqgħa pubblika biex ikun jista jlaqqa r-residenti li joqogħdu fl-imsemmija triq.

Il-proposta ta dawn ir-residenti ser titlela quddiem Trasport Malta . Id-deċiżjoni trid tittieħed kif nircievu risposta mingħand Transport Malta.

**2.3 Minuta 2.5 - Triq il-Kungress Ewkaristiku**

Is-Sindku nforma lill membri illi Triq il-Kungress Ewkaristiku ser jibda xogħol fiha minn Jannar 2017. Dan ix-xogħol ser ssir minn naħa tal-Gvern Ċentrali.

**2.4 Proġett tal-Underground Car Park**

Is-Sindku nforma lill-membri li Projects Malta ħa jestendu l-perjodu ta Pjanar .

Il-Kunsillier Alex Muscat qal li l-Kurja u Projects Malta ħa jaħtru esperti sabiex isir superviżjoni fuq ix-xogħolijiet u flimkien il-Kurja u Projects Malta ħadu pożizzjoni sabiex jinħatar kumitat. Dan il-proċess qiegħed f'idejn il-Gvern hu huwa proċess legali.

**2.5 MCAST**

Is-Sindku nforma lill membri li għadna qed nistennew il-memorandum of understanding mill-MCAST fuq l-emendi tal-Ġnien pubbliku li huwa l-Ġnien tal-Għarusa tal-Mosta sabiex jkun miftuħ għal ħinijiet itwal.

Fuq il-Memorandum tal-MCAST trid ssir ukoll din il-korrezzjoni fuq punt 7, irrid jitniżżel li l-Grupp ta l-Armar jagħmel l-iskrittia Viva Santa Marija mhux il-każin Santa Marija.

## 3.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku

### CPPS/UIF Fondi (PLANNING FUND AS OF 01 JAN 2017)

Is-Sindku Edwin Vassallo informa bl-emendi ta CPPS kif tħabbru fid-diskors tal-Budget. IsSindku nforma lill-Kunsill li ser jerġa iressaq l-applikazzjoni għal fondi sabiex isiru parking bays u major patching għat-toroq fiż-żona ta Sant Andrija u toroq oħra.

Il-Kunsillier Alex Muscat nforma li l-fondi ta' CPPS mhux biss marbut ma proġetti ta parking imma ukoll ta' tarmak eċċ. Il-Planning Authority rrifjutat patching ta toroq fiż-żona ta Sant Andrija . Il-Kunsill għandu jerġa jressaq it-talba sabiex tiġi finanzjata 70% . Jekk din talba tiġi milqugħa ikun sar major patching. Is-Sindku nforma ukoll illi l-quddiem ħa ssir talba kif ser ssiru numri ta bankini . Għal dan it-tip ta xogħol trid tinħareġ tender.

Spjega ukoll illi l-Planning Authority ġibdulna l-attenzjoni bl-istima li għandna għax jekk l-istess xogħol issir b'anqas flus ikollna biex naħdmu f'affarijiet oħra.

Fil-fatt is-Sindku nforma lill-membri illi l-Kunsill talab fondi għaż-żebgħa għal 15,000 parkeġġ.

### Government Property Department – Installation of Lift at Mosta Civic Centre

Is-Sindku nforma lill-membri li l-capping ser ikun ta 45,000 Ewro jiġifieri dwar lift eżistenti fiċ-Ċentru Ċiviku €25,000 il-Kunsill u €20,000 id-Dipartiment tas-Saħħa u li l-kuntratt ser jinqaleb fuq Dipartiment tas-Saħħa.

Is-Sindku nforma lill membri ukoll illi l-Perit tal-Kunsill ikkonferma l-applikazzjoni għal-lift sekondarju u sadanittant is-Sindku kif ukoll l-Aġent Segretarju Eżekuttiv s-Sur Michael Mifsud iffirmaw għall-finanzjament ta dan il-lift.

### Government Property Department – Repaving of Road with Printed Concrete at Triq il-Ġnejna Mosta

Is-Sindku nforma li Triq il-Ġnejna u Triq Dun Mikiel Xerri jistgħu jiġu rħas jekk l-imprint concrete għali aktar mit-tarmak.

Is-Sindku ser jerġa jipprepara talbiet lill-Planning Authority li ġew rrifjutati fil-passat.

Il-Kunsillier Alex Muscat nforma lill-membri illi l-fencing tal-pont kważi nofsu lest u s-Sindku talab li l-ġnub jingħalqu ukoll .

**Crastolla Law Firm – Concepts for Italy Malta**

Is-Sindku qara din il-korrispondenza . Il-Kunsill iddeċieda li l-proposta ma tistax tiġi aċċettata peress fil-mument l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jipproċedi bis-servizz ta konsultazzjoni.

**4.0 Korrispondenza**

**4.1 Korrispondenza Nru 1 – CAS -23839-L4W5S2 Re-Zebra Crossing fi Triq il-Kungress Ewkaristiku**

Is-Sindku qara korrispondenza li l-kunsill irċieva. Is-Sindku nforma lill membri jista jkun hemm żewġ soluzzjonijiet tabella biex ma jdurux karozzi lejn fit-Triq il-Kungress Ewkarstiku ie no left turn soluzzjoni oħra li jista jkun li tgħin hi il-problema tiġi solvuta meta tinbidel ir-rotta ta triq. Is-Sindku qal li għandhom isiru diskussjonijiet mit-Transport Malta.

**4.2 Korrispondenza Nru 2 – Proċess tal-Proġett ta aktar spazji miftuħa u parkeġġ fil-Mosta**

Is-Sindku qara korrispondenza u l-membri tal-Kunsill ħadu nota tagħha.

**4.3 Korrispondenza Nru 3 – Ittra kopja lid-Direttur Projects Malta re proġett tal-Car Park**

Is-Sindku nforma lil membri li ser tinkiteb ittra pero qabel ma tintbagħat ħa tigi mibgħuta lill membri tal-Kunsill b'email għal kummenti tagħhom.

**4.4 Korrispondenza Nru 4 – Request re Christmas Village at Mosta Annexe**

Is-Sindku qara din il-korrispondenza fejn il-Kulleġġ Maria Regina għat-tieni sena konsekuttiva ser jorganizza 'Christmas Village' fil-grawnds tal-iskola tagħna . Din l-attivita ser ssir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru mill-ħamsa il-quddiem. Huma qed jitolbu li bħala Kunsill nissaportjawhom f'din l-attivita.

Is-Sindku nforma illi din għandha tiġi approvata bl-istess kundizzjonijiet li ngħataw is-sena l-oħra.

**4.5 Korrispondenza Nru 5 – Abseiling Marathon 2016**

Is-Sindku qara din il-korrispondenza u ppropona sabiex No Objection li tgħaddi bl-istess kundizzjonijiet li ngħataw is-sena l-oħra –Anness 1:

Il-Kunsill ser jipprovdi is-servizz ta 2 wardens is-Sibt 19 u Hadd 20 ta' Novembru mill-10.00 a.m. sal – 17.00 p.m.u 2 mobile toilets ġurnata kollha.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.6 Korrispondenza Nru 6 – Proprjeta tal-Ktieb**

Is-Sindku qara korrispondenza tas-Sur Stanley Mangion fuq Proprjeta tal-Ktieb . Il-Kunsill ġie mitlub min ser ikun lid-Direttur u l-awtur tal-ktieb sabiex il-Kunsill ikun jista jgħaddih lil tal-PAMA sabiex jippubblikawh huma.

**4.7 Korrispondenza Nru 7 – Premju Żgħażugħ tas-Sena 2016**

Is-Sindku qara din il-korrispondenza u qal li din għandha tintbagħat by email lil l-Kunsillier Gianluca Busutil u l-Vici Sindku Ivan Bartolo sabiex jaħdmu fuqha.

**4.8 Korrispondenza Nru 8 - No Parking Sign**

Is-Sindku qara din il-korrispondenza u ġie approvat li ssir tabella ta' No Parking u titwaħħal quddiem l-entratura tal-Iskola. It-tabella ta No parking għandha tkun bejn is-13.00 u 14.00 p.m. waqt il-ġranet tal-iskola St. Monica.

**5.00 Ordnijiet tal-ġurnata**

- **5.1 - Ċirkulari 16/2016- Ħatra ta Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsill qabel li tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

- **5.2- Tender Ġbir tal-Iskart**

Is-Sindku nforma illi l-Kunsill qed jistenna linji gwida mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali.

**6.0 Approvazzjoni**

**6.1 Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**6.2 Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**6.3 Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**6.4 Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

**6.5 Performance Appraisal Report (Acting Executive Secretary & Staff)**

Peress li nħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid ġie deċiż li performance appraisals tal-istaff jiġi analizzat mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv qabel ma inħatar Segretarju Eżekuttiv il-ġdid peress li ma kienx ser ikun ġust fuq l-istaff illi s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid janalizza il-performance appraisal fi żmien tlett xhur.

Is-Sindku ippreżenta il-bonus appraisal tal-ħaddiema u wara li ġew analizzati u diskussi l-membri tal-Kunsill qablu kif ġej :

Is-Sinjura Nadia Micallef Camilleri għandha tingħata l-ammont ta 6%
Is-Sur Christopher Camilleri għandu jiġi rivedut u tittieħed deċiżjoni f'Diċembru 2016
Is-Sinjura Lorraine Zammit Tabone għandha tingħata l-ammont ta 6%
Is-Sinjorina Rita Galea għandha tingħata l-ammont ta 6%
Is-Sinjura Candice Coppola għandha tingħata l-ammont ta' 6%
Is-Sinjorina Liliana Borg għandha tingħata l-ammont ta' 6%
Is-Sinjura Alberta Debattista għandha tingħata l-ammont dovut ta' 6%

F'dan l-istadju l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħareġ mill-kamra peress li ser kien jiġi diskuss l-performance appraisal tiegħu.

Is-Sindku ppreżenta il-Bonus apprasial tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2016. Is-Sindku ppropona li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Michael Mifsud għandu jingħata 10% filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

F'dan l-istadju l-Aġent Segretarju Eżekuttiv reġa ħa postu ġewwa l-kamra.

**7 Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **il-16 ta' Novembru 2016.**

Laqgħa spiċċat fl-10.20 p.m.

Edwin Vassallo
Sindku

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv

Data: 16/11/2016